MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 383/2006

**John Camilleri**

**vs**

**Felix Agius, Kurt Farrugia u Miriam Dalli u One Productions Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur erroneament indikat bhala pprezentat fl-4 ta' Dicembru tas-sena 2003 meta fil-fatt jirrizulta, kemm minn numru miktub biex jindika n-numru tar-rikors odjern, kif ukoll mit-timbru tal-pagament effettwat mill-attur, u finalment anke mill-istess meritu ta' din il-procedura, li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prevja dikjarazzjoni ta’ din il-qorti illi l-artiklu fl-ahhar faccata tal-gurnal “Kulhadd” intitolat “Pressjoni fuq gurnalisti mid-Dar Centrali tal-PN”, li tieghu l-awtur huwa l-editur Felix Agius, ippubblikat fil-harga tat-12 ta’ Novembru tas-sena 2006, (Dokument anness u mmarkat “A”); ir-rapport li deher fil-harga tal-‘Maltastar.com’ ta’ l-10 ta’ Novembru tas-sena 2006, intitolat, ‘Gonzi’s secret Girgenti meeting with the ‘chosen few’”, li tieghu l-awtur huwa Kurt Farrugia u li huwa accessibbli mill-internet fuq is-sit www.maltastar.com, (Dokument anness u mmarkat “B”); kif ukoll ir-rapport li xandar fil-bulettin ta’ l-ahbarijiet ta’ l-10 ta’ Novembru tas-sena 2006, tal-‘One News’, (Dokument anness u mmarkat “C”), huma libelluzi u/jew, joffendu l-unur u l-fama ta’ l-attur u/jew jesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Ihallsu lill-attur dik is-somma li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), u li tigi stabbilita minn din il-qorti a tenur ta’ l-artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Rat ir-risposta tal-konvenut Felix Agius datata d-29 ta’ Jannar tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti li strettament ghandu wkoll jindika li l-procedura odjerna tinkludi konvenuti ohra mieghu;

1. Illi l-eccipjent ghandu jigi ndikat, fl-ewwel lok, il-kapacita’ tieghu li fiha gie ccitat l-istess konvenut;

2. Illi qabel xejn ghandu jigi ppruvat li l-istess Felix Agius fid-data li gie ppubblikat l-artikolu huwa kien l-editur tal-gurnal in kwistjoni;

3. Illi l-artikolu ndikat huwa bbazat fuq verita’ tal-fatti;

4. Illi l-artikolu de quo, minghar pregudizzju ghas-suespost, jikkostitwixxi ‘fair comment’, f’socjeta’ demokratika;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta tal-konvenuti l-ohra Miriam Dalli u Kurt Farrugia datata t-2 ta’ Frar tas-sena 2007 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita’ tar-rikors promotur in kwantu l-attur ma jistax guridikament jipprocedi b’azzjoni wahda kontra diversi konvenuti fuq kawzali distinti;

2. Illi f’kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in kwantu tirreferi ghall-eccepjenti, il-pubblikazzjoni msemmija mill-attur ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu;

3. Illi inoltre l-fatti ndikati mill-attur fiz-zewg kazijiet, jikkonsistu f’rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta’ nteress pubbliku attwali accettabbli f’socjeta demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll that il-ligijiet ta’ l-Istampa. Jekk l-attur deherlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f’ “fair comment” maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjali veri u fuq kwistjoni ta’ nteress pubbliku, accettabbli f’socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Tirrileva li “One Productions Limited” baqghet kontumaci;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Gunju tas-sena 2007 li permezz tieghu, fuq talba tar-rapprezentant legali tal-konvenuti Dalli u Farrugia mhux opposta mir-rapprezentant legali ta’ l-attur Camilleri, ordnat li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-imsemmija konvenuti Dalli u Farrugia;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rapprezentant legali tal-konvenuti Dalli u Farrugia;

Rat ir-risposta tardiva ta’ l-attur Camilleri;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan l-istadju qed tigi ndirizzata biss l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti Dalli u Farrugia li tippostulan-nullita’ tar-rikors promotur stante li allegatament attur ma jistax b’azzjoni wahda jindirizza kawzali differenti li jolqtu konvenuti diversi u distinti minn xulxin;

Ikkunsidrat;

Illi tramite azzjoni wahda, ir-rikors promotur, qieghed jipprocedi fil-konfront ta’ konvenuti diversi u distinti minn xulxin, senjatament:

1. Fil-konfront tal-konvenut Agius:

Bhala awtur ta’ l-artikolu inkriminat u bhala editur tal-gurnal “Kulhadd” li fih gie ppubblikat l-istess artikolu fit-12 ta’’Novembru tas-sena 2006;

2. Fil-konfront tal-konvenut Farrugia:

Bhala awtur tar-rapport li deher fil-harga tal-“Maltastar.com” ta’ l-10 ta’ Novembru tas-sena 2006;

3. Fil-konfront tal-konvenuta Dalli (prezumibbilment):

Ghar-rapport li xxandar fil-bulettin ta’ l-ahbarijiet ta’ l-10 ta’ Novembru tas-sena 2006 tal-“One News”;

4. Fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta One Productions Limited:

Presumibilment ghall-istess raguni indikata fil-paragrafu precedenti enumerat numru 3;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-procedura li ghazel l-attur dan qieghed jindirizza l-kwistjoni minnu sollevata fil-konfront ta’ erba’ konvenuti;

Illi fiha nnifisha, tali procedura ma hijiex wahda li tattira nullita’ ta’ l-azzjoni u f’cirkustanzi idonei hi addirittura awspikata stante li tghin ghall-ekonomija tal-gudizzju;

Illi pero’, dan hu legittimament koncess u awspikat meta l-kawzali ndirizzati jkunu identici fil-konfront tal-partijiet kollha nvoluti;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta li l-erba’ konvenuti nvoluti ghandhom sehem ferm differenti wiehed mill-iehor fir-rigward tal-lanjanza sollevata mill-attur;

Illi in effetti, l-meritu in dizamina sahansitra jvarja wiehed mill-iehor u konsegwentement l-attur, bl-unjoni ta’ l-azzjoni tieghu, ikun biss qieghed jikkontribwixxi ghal konfuzjoni logika li mhux biss hi ripunjanti u ta’ min jiskartaha, izda zgur li ma tghinx fir-risoluzzjoni gusta tal-vertenza;

Illi in effetti l-attur qed jitlob li jsir gudizzju kollettiv meta l-kwistjoni in dizamina mhix wahda identika ghal kull wiehed mill-erba’ konvenuti;

Illi kif irriteniet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili f’Azzopardi et vs Micallef noe fis-16 ta’ Dicembru ta’ l-1953:

“ ghall-ammissibilita’ tal-gudizzju kollettiv hu mehtieg mhux biss illi l-kwistjoni li tkun trid tigi rizoluta tkun identika ghal kull wiehed mill-atturi, imma wkoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oggett tal-kawza jkun komuni”;

Illi ghalhekk l-azzjoni kollettiva hi ammissibbli meta din tindirizza kwistjoni ta’ dritt uniku u identiku, u allura “ … jkun eskluz “a priori” illi mir-rizoluzzjoni ta’ l-istess … xi cirkostanza ta’ fatt specjali ghal wiehed jew l-iehor …”, (ibid volum XXXVII, PT.II, pagna 810);

Illi ghalkemm is-sentenza citata tindirizza l-vertenza mill-punto di vista ta' l-attur, b'anologia, l-istess jista' jinghad fil-konfront tal-konvenuti bhal ma hu l-kaz in dizamina;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti Miriam Dalli u Kurt Farrugia u konsegwentement tiddikjara n-nullita' tar-rikors promotur bl-ispejjez kontra l-attur John Camilleri.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------